MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Numru. 860/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Magri**

**vs**

**Charles sive Charlot Mangion**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Charles sive Charlot Mangion ta' 30 sena, bin George u Dolores sive Doris nee' Portelli, imwieled Bormla fit-30 ta' Ottubru 1975 u residenti 'St Mary' Triq il-Karmnu, Fgura u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 25276 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :
Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Jannar, 2001 mill-hanut bl-isem 'Family Store' sitwat fi Triq Dun Gorg Preca

Ghaxaq ikkommetta serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Paul Sciberras minn Hal-Ghaxaq, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bil-hin;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta’ l-istess Paul Sciberras, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (LM 10) izda ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin (LM 50);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 28 ta’ Settembru 2005 (esebit a fol. 75 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta 20 ta’ Jannar 2006 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn fin il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq li sar fil-lejl bejn it-3 u l-4 ta’ Jannar 2001 mill-hanut bl-isem *Family Store* sitwat fi Triq Dun Gorg Preca, Hal-Ghaxaq fejn gie mqaccat il-katnazz u llivat il-bieb tal-imsemmi hanut, infetah il-*cash register* u nsterqu madwar Lm300 muniti li kienu jinstabu fl-imsemmi

*cash register*. Meta din is-serqa giet rappurtata lll Pulizija minn sid il-hanut, certu Paul Sciberras, saret Inkjesta Magisterjali (process verbal relattiv inserit a fol. 12 et sequitur tal-atti processwali). F'din l-Inkjesta Magisterjali kienu gew nominati PC 1184 Patrick Grech u PC 1253 Frederick Brincat bhala Scene of the Crime Officers (rapport relattiv inaerit a fol. 38 et sequitur tal-atti processwali) u in ezekuzzjoni tal-inkarigu lilhom moghti dawn kienu elevaw xi mpronti digitali minn fuq il-post senjatament min fuq il-qiegh tat-tray tal-cash register li minnu nsterqu l-flus kif ukoll marka ohra minn fuq il-bieb ta' barra tal-fond in kwisjtoni.

Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv, l-Ispettur Carmelo Magri, (deposizzjoni relattiva inserita a fol. 73 u 74 tal-process) jirrizulta li huwa kien inghata nformazzjoni konfidenzjali li l-imputat fil-kawza odjerna seta' kien involut fir-reat in dizamina u ghalhekk huwa kien talab lil Magistrat Inkwirenti sabiex jinhatar espert bl-inkarigu li jiehu l-marki tas-swaba tal-imputat u jikkompara dawn il-marki tas-swaba ma dawk li nsabu fuq ix-xena tad-delitt. B'digriet tal-5 ta' Mejju 2005 il-Magistrat Inkwirenti kien laqa' din it-talba u nnomina ghal dan l-iskop lil Joseph Mallia (rapport relattiv inserit a fol. 51 sa 70 tal-atti processwali). Fl-imsemmi rapport insibu is-segwenti konkluzjonijiet:-

Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati id-dokumenti 00 AAQ 301 u 00 AAQ 302 *lifters* li jigbru fihom *impronti digitali* u d-dokumenti CM 1 formola ta' l-impronti digitali u CM 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' Charlot Mangion, li joqghod fil-fond "St Mary" Carmel Street, Fgura, numru tal-karta tal-identita' 252767 (M) l-esponent jikkonkludi dan li gej:

a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-lifter dokument 00 AAQ 301, gew ikkomparati u identifikati bhala li gew maghmula mill-marki tas-saba l-werrej u s-saba tan-nofs ta' l-id il-leminija rispettivament, ta' **Charlot Mangion**, li joqghod fil-fond "St. Mary" Carmel Street, Fgura, numru tal-karta tal-identita' 252767 (M).

b. Illi l-marki li jidhru fuq il-lifter dokument 00 AAQ 302 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal-komparazzjoni u ghalhekk ma' jistghux jigu kkomparati mad-dokumenti CM 1 formola ta' l-impronti digitali u CM 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' **Charlot Mangion**, li joqghod fil-fond "St. Mary" Carmel Street, Fgura, numru tal-karta tal-identita 252767 (M).

L-espert Joseph Mallia ghalhekk ikkonkluda li l-marka li nstabet fil-qiegh tat-tray tal-cash register li minnu nsterqu l-flus giet maghmula mill-marki tas-saba l-werrej tal-id il-leminija ta' Charlot Mangion, u cioe' l-imputat odjern.

Sussegwentement l-imputat kien gie nterrogat mill-Ispettur Carmelo Magri fejn irrilaxxja stqarrija (nserita a fol. 78 u 79 tal-process) fejn huwa cahad l-involviment tieghu fis-serqa li sehhet fl-4 ta' Jannar 2001 u wara li huwa ttiehed fil-hanut in dizamina huwa qal li qatt ma kien dahal fl-imsemmi hanut u qatt ma kellu xi involviment ma sid il-hanut.

L-imputat ghazel li ma jixhidx fil-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat wettaq ir-reat li bih jinsab akkuzat permezz tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. L-ezami komparattiv li sar mill-espert nominat mill-Qorti bejn l-impronta digitali li nstabet fil-qiegh tat-tray tal-cash register u l-impronti digitali tal-imputat kien wiehed posittiv. Il-fatt li l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata indika li huwa qatt ma kien dahal fil-hanut in kwistjoni hija fil-fehma tal-Qorti prova ulterjuri u lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa kien involut fis-serqa li saret fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Jannar 2001. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. In kwantu jirrigwarda it-tieni akkuza izda irid jigi precizat li din kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza u ghalhekk ser jigi

applikat l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward.

Permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni kontemplat fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda l-Qorti jidrilha li din l-akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u fi kwalunkwe kaz una volta li rrizulta r-reat ta' serq ma jistghax jirrizulta wkoll ir-reat ta' ricettazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza.

Permezz tar-raba' akkuza l-imputat jinsab u akkuzat li sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward gew esebiti zewg sentenzi moghtija fil-konfronti tal-imputat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri), wahda tal-1 ta' Ottubru 2003 u l-ohra tat-8 ta' Frar 2002 (kopji relattivi esebiti a fol. 109 sa 113 tal-process). Peress li r-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati fil-kawza odjerna sar bejn it-3 u l-4 ta' Jannar 2001, u ghalhekk qabel id-dati li fihom inghataw l-imsemmija sentenzi, l-imputat ma jistghax jinstab hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2006 id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni izda ma ndikatx taht liema Artikolu tal-ligi qed teccepixxi l-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata stante illi l-perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghar-reat in dizamina huwa dak ta' hames snin stabbilit fl-Artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputat qeghda ghalhekk tigi michuda.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tal-imputat esebitia a fol. 80 et sequitur tal-process jirrizulta li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u nonostante li inghata l-opportunita' li jirriforma ruhu huwa naqas milli jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 278, 325, 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat Charles sive Charlot Mangion hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfrornti tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Peress li t-tielet akkuza inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel akkuza l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' hames mija u tmienja u sebghin ewro u hmistax il-Ewro centezmu (€578.15), liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------